MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1156/1997/1

Edward Privitera

vs

Casma Limited

Illum 7 ta' April 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn wara li r-rikorrent ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fil-perjodu bejn l-1988 u l-1995 l-esponent sofra ingustizzja billi gie michud mill-promozzjoni li kien jimmerita.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Ir-rikorrent dahal jahdem mas-socjeta` Kursaal Company Limited, kif kienet maghrufa s-socjeta` intimata, fl-1964 bhala “Chef de Table” u wara tliet xhur gie promoss ghall-kariga ta’ “Assistant Inspector”. Fl-1965 huwa sar “Inspector”, fl-1970 sar “Chief Inspector” u ghall-habta ta’ l-1979 gie mahtur “Deputy Gaming Manager”.

2. F’Gunju ta’ l-1988 meta tnehha l-persuna li kien jokkupa l-kariga ta’ “Gaming Manager” ir-rikorrent gie moghti r-responsabilitajiet ta’ dik il-kariga pero` effettivament baqa “Deputy Gaming Manager”. Wara ftit zmien saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta’ “Gaming Manager”. Setghu japplikaw dawk fil-grad ta’ “Assistant Inspector” l fuq. Ir-rikorrent kien uniku fil-kwalifiki li kellu ghall-grad involut, pero` kien notorju min kien ser jigi maghzul u ghalhekk ir-rikorrent ma riedx li japplika u jigi mwahhal fl-interview. Il-persunal maghzula b’dana kollu tnehhiet mill-kariga ta’ “Gaming Manager” wara ftit xhur.

3. F’Jannar ta’ l-1990 ir-rikorrent ircieva ittra minghand il-Bord tad-Diretturi (Dokument A) fis-sens illi b’sehh mill-1 ta’ Jannar ta’ dik is-sena huwa kien gie mahtur “Acting Gaming Manager” ghal perjodu ta’ sitt xhur. Infatti ghaddew tlettax il-xahar u ir-rikorrent baqa’ jokkupa dik il-posizzjoni sakemm ittra ohra (Dok B) li kienet tghid il-posizzjoni ta’ “Acting Gaming Manager” tnehhiet. Ir-rikorrent flimkien ma’ erba’ persuni ohrajn li kienu fi grad inferjuri saru lkoll “Duty Gaming Managers”.

4. Ir-rikorrent gie mahtur “Senior Manager (Gaming)” b’effett mill-1 ta’ Dicembru 1995 (Dokument C). Ma tirrizulta l-ebda raguni valida ghaliex matul il-perjodu kollu ntervjenti: sa mill-1988 ir-rikorrent kellu jigi mcahhad kif fil-fatt gie michud mill-opportunita` li jigi promoss ghall-grad ta’ “Gaming Manager” bis-salarju marbut ma’ dak il-grad.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi deciz illi l-promozzjoni ghall-grad ta’ “Gaming Manager” kellha tigi moghtija lir-rikorrent f’data anterjuri ghad-data fuq imsemmija ta’ l-1 ta’ Dicembru 1995 u li joghgbu jistabilixxi t-Tribunal fic-cirkostanzi tal-kaz u li konsegwentement jigi ordnat il-hlas ta’ kumpens korrispondenti ghat-telf li jigi li sofra r-rikorrent bhala rizultat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta’ intimata fejn eccepiet illi:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u addirittura fittizzji stante li s-socjeta` intimata dejjem aggixxiet korrettament fir-rigward tal-istess rikorrenti u di piu` ir-rikorrent ma sofra ebda telf finanzjarju kollox kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

2. Illi di piu’ u bla pregudizzju ghall-premess, jirrizulta li dak il-kontenut fit-tieni paragrafu tar-rikors promotorju, huwa inveritier u inkorrett, stante li r-rikorrent qatt ma applika ghall-kariga ta’ Gaming Manager, u certament ma kellu ebda ostakolu li huwa japplika. Il-fatti juru li huwa kellu l-opportunita` kollha li japplika ghal tali grad, izda unilateralment ghazel li ma japplikax. Ovvjament fin-nuqqas tal-applikazzjoni tieghu, certament huwa ma setghax jigi kkunsidrat.

3. Illi t-tielet paragrafu tar-rikors tar-rikorrent jikkonferma kemm is-socjeta` intimata ma uriet ebda pregudizzju fil-konfront tal-istess rikorrent tant li l-istess socjeta` ghazlet u hatret lilu minflok il-persuna li kienet tokkupa l-kariga u dan it-trattament korrett da parte tal-istess socjeta` intimata huwa aktar accentwat mill-fatti esposti mir-rikorrent nnifsu li tali posizzjoni minflok sitt xhur dam jokupaha ghall-tlettax il-xahar.

4. Illi di piu' jirrizulta car kienet fid-diskrezzjoni tas-socjeta` intimata jekk tahtarx Gaming Manager u is-socjeta` intimata ma hassitx il-htiega li taghmel dan, u dan anke peress li l-intimat kien inhatar ukoll ghall-parti miz-zmien indikat bhala General Manager barrani li kien responsabbli wkoll mill-gaming u ghalhekk lanqas inhasset il-htiega li jigi appuntat Gaming Manager ad hoc. Mid-Dok B jirrizulta wkoll li ghalkemm l-istess rikorrent ma kellhomx il-grad ta' Gaming Manager, huwa kien jircievi salarju ekwivalenti ghal tali grad fil-konfront tal-istess rikorrent "on a personal basis". Jidher car li l-istess socjeta` dejjem imxiet tajjeb hafna mal-istess rikorrent u jindika car li kieku l-istess rikorrent kien minflok ghazel li japplika ghall-tali posizzjoni, meta saru l-applikazzjonijiet tal-istess, kontrarjament ghall dak li inghad minnu bla ebda sostanza, kien hemm probabilita` tajba li setgha jintaghzel hu, pero` bin-nuqqas ta' applikazzjoni tieghu huwa elimina lilu nnifsu minn tali posizzjoni fil-hin tal-ghazla.

5. Illi rigwardanti ir-raba' paragrafu tar-rikors tar-rikorrent tali posizzjoni kienet effett ta' ristrutturazzjoni li saret fin-1995 fin-naha ta' fuq nett tal-management tal-istess socjeta`, li fiha kienu saru tlett Senior Managers, fosthom ir-rikorrent odjern. Fil-perjodu ta' bejn l-1988 sal-1995 ma kien hemm ebda hatra ohra li b'xi mod setghet kienet ta' detriment jew ta' pregudizzju ghar-rikorrent, kif gia' gie fuq spjegat.

6. Illi ghalhekk a bazi tal-premess jirrizulta car li l-allegazzjoni tar-rikorrent huma manifestament insostenibbli, u n-nuqqas tieghu li japplika fil-hin appositu qed jipprova jattribwihom lill-haddiehor bla success. Di piu' jirrizulta li l-istess rikorrent ma sofra ebda pregudizzju kwalunkwe anzi dejjem gie ivvantaggjat skond il-kontribuzzjoni tieghu mis-socjeta` u bir-ristrutturazzjoni tal-istess socjeta` huwa gie ukoll avvantaggjat.

7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jilmenta illi huwa gie mcahhad ingustament mill-grad ta' "Gaming Manager" wara r-rizenja ta' min kien qed jokkupa dak il-post fl-1988.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent dahal jahdem mal-Kursaal Company Limited fl-1964 bhala "Chef de Table" u wara tlett xhur sar "Assistant Inspector". Fl-1965 sar "Inspector" fl-1970 "Chief Inspector" u 1979 "Deputy Gaming Manager". F'Gunju ta' l-1988 irresenja l-persuna li kien jokkupa l-kariga ta' "Gaming Manager" u cioe` Alfred Vassallo u r-rikorrent assuma r-responsabbiltajiet tieghu izda baqa' dejjem bil-kariga ta' "Deputy Gaming Manager". Wara dan saret sejha pubblika ghall-applikazzjonijiet tal-grad ta' "Gaming Manager" li setghu jikkwalifikaw dawk l-impjegati minn Assistant Inspector 'il fuq. Ir-rikorrent kien jikkwalifika izda ghar-ragunijiet moghtija minnu a fol 19 u 21 ma applikax. Gie allegat illi din s-sejha kienet montatura biex jigi agevolat Carmel Bellia li fil-fatt sar "Gaming Manager". Wara sitt xhur dan gie trasferit ghal Dipartiment iehor u fl-1 ta' Jannar 1990 ir-rikorrent gie appuntat "Acting Gaming Manager" ghal sitt xhur izda baqa' ghal tlettax –il xahar meta l-pozizzjoni giet abbolita u gie appuntat "Duty Gaming Manager" flimkien ma erba' ohra. Fl-1 ta' Dicembru 1995 gie appuntat "Senior Manager (Gaming)" pozizzjoni illi jidher li ghadu jokkupa sal-lum, pero` jghid li s-sejha ghall-applikazzjonijiet kienet ostaklu ghalih peress li huwa kien l-aktar wiehed kwalifikat fil-Kumpanija kollha illi seta' jokkupa l-kariga ta' "Gaming Manager".

Ikkunsidra

Ir-ragunijiet ghala r-rikorrent ma applikax ghal sejha hija moghtija a fol 21 tal-process meta jghid "hassejt li jekk napplika ghal kariga li kont nemmen li kellha tkun tieghi bi

dritt u mhux bi pjacir… kont ser naghti cans lil bord … ituni daqqa billi fis-suppost interview Charles Bellia jinghata punti aktar minni u b'hekk ikollhom dokument li juri li Charles Bellia kien aktar addatat minni ghal kariga. Dan ic-cans li jumiljawni b'dan il-mod ma riedx naghtihulhom specjalment meta kont naf illi fil-bord ma kien hemm hadd illi kien midhla tax-xoghol specjalizzat li huwa x-xoghol ta' 'Gaming Manager'." Kif diga inghad is-sejha kienet montatura sabiex jigi appuntat Charles Bellia. Din il-fehma hija wkoll mhaddna minn "ex-Gaming Manager" Alfred Vassallo, Joseph Bugeja, Louis Zammit u haddiema ohra fl-istess kategorija tar-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra illi bin-nuqqas ta' applikazzjoni tar-rikorrent, gie mcahhad mill-possibilta` li jevalwa l-konsiderazzjonijiet tal-bord ghala ntaghzel Charles Bellia u mhux ir-rikorrent. Veru li kif jidhru l-affarijiet ir-rikorrent kien l-aktar wiehed anzjan u l-aktar wiehed kwalifikat sabiex jiehu x-xoghol ta' "Gaming Manager" tant hu hekk illi mar-rizenja tas-Sur Vassallo f'Mejju 1988 kien ir-rikorrent li ha over l-administration tal-kumpanija izda baqa' dejjem fl-istess kategorija ta' "Deputy Gaming Manager". Jista' jkun illi r-rikorrent kellu ragun ma japplikax ghal dik is-sejha pero` t-Tribunal ma jistax jiccensura l-bord ta' l-ghazla ghaliex iddecida favur is-Sur Bellia u mhux haddiehor, la darba r-rikorrent ma kienx fit-tellieqa.

Irrizulta pero` illi s-Sur Bellia ma baqax jokkupa dak il-post u wara sitt xhur gie trasferit banda ohra (fol 41). Skond Michael Debono Direttur tal-Kumpanija minn Marzu 1989, wara li spicca Bellia xoghlu beda jaghmlu r-rikorrent u dejjem jafu bhala efficjenti fuq ix-xoghol tieghu u jizvolgi dmirijiet manigerjali anki meta kien hemm l-ingliz John Burton. Dan ta' l-ahhar ingieb mill-esteru sabiex jizvolgi d-dmirijiet ta' Manager, kellu kuntratt definittiv b'salarju fenominali izda jidher illi ma tantx kien success peress illi ma spiccax it-terminu tal-kuntratt kollu u mat-telqa tieghu kien ir-rikorrent li beda jaqdi d-dmirijiet manigerjali. Is-socjeta` intimata tidher illi rrikonoxxiet il-potenzjal tar-rikorrent meta appuntatu "Acting Gaming Manager" fl-1 ta' Jannar 1990 pero` ghal sitt xhur biss. Minkejja dan, baqa'

ghaddej f'din il-pozizzjoni ghal 13 –il xahar meta l-pozizzjoni giet abbolita u gie appuntat "Duty Gaming Manager" flimkien ma erba' ohra.
Hawnhekk it-Tribunal jidhirlu illi mehud in konsiderazzjoni l-prassi illi kienet tezisti fil-casino illi l-promozzjonijiet jsegwi skond l-anzjanita`, wara li Bellia ma baqax aktar fil-kariga ta' "Gaming Manager" kellu jkun ir-rikorrent illi jidhol f'din il-pozizzjoni u mhux jigi appuntat "Acting" u wara "Duty Gaming Manager". Il-promozzjoni tieghu b'effett mill-1 ta' Dicembru 1995 bhala "Senior Manager (Gaming)" kienet tard wisq peress illi fil-fehma tat-Tribunal ir-rikorrent missu ha dik il-kariga almenu b'effett mill-1 ta' Jannar 1990. Il-persuni li taw id-depozizzjoni taghhom f'din il-kawza u d-dokumenti esebiti kollha jixhdu ghal efficjenza u l-kapacitajiet tar-rikorrent meta f'kazijiet ta' krizi dejjem indahal biex isolvi l-problemi u anki jassumi dmirijiet manigerjali meta l-grad tieghu ma kienx ekwivalenti ghal responsabiltajiet illi kien qed jerfa.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi filwaqt li ma jiccensurax is-socjeta` intimata illi nnominat lis-Sur Bellia bhala "Gaming Manager" peress illi r-rikorrent ma applikax ghal dik il-pozizzjoni, pero` ccensura lis-socjeta` intimata talli ma appuntatux "Gaming Manager" hekk kif il-post gie vakanti wara t-trasferiment tas-Sur Bellia, u jara wkoll illi s-socjeta` intimata naqset meta appuntatu "Acting" u mhux fil-kariga mill-ewwel.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li almenu b'effett mill-1 ta' Jannar 1990 ir-rikorrent kellu jokkupa l-kariga ta' "Gaming Manager".

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrent u jirrakomanda s-socjeta` intimata sabiex tappunta lir-rikorrent bhala "Gaming Manager" b'effett mill-1 ta' Jannar 1990 minghajr telf ta' anzjanita` u jithallas id-differenza tas-salarju minn dik id-data sa meta gie appuntat "Senior Manager Gaming" fl-1 ta' Dicembru 1995. Spejjez ghas-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------